



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16514/23  
PV CONS 67  
COMPET 1243  
IND 677  
MI 1101  
RECH 547  
ESPACE 92

### **ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))

7 u 8 ta' Diċembru 2023

## **LAQGĦA TAL-ĦAMIS 7 TA' DIĊEMBRU 2023**

### **1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 16211/23.

## **SUQ INTERN U INDUSTRIJA**

### **Deliberazzjonijiet leġislattivi**

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

- 2. Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)**  
*Approċċ ġenerali*

 16056/23  
+ ADD 1-4

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali kif imfisser fid-dokumenti msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjonijiet mill-Awstrija, il-Ġermanja u l-Italja u dikjarazzjoni konġunta mill-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, Franza, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja huma annessi ma' dawn il-minuti tal-Kunsill.

- 3. Regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni**  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

 16052/23

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq il-mistoqsijiet kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

### **4. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**Lista mhux leġislattiva**

16213/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

## Affarijiet oħra

5. a) **Proposti leġislattivi attwali**   
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8)  
tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- i) **Regolament dwar il-Materja Prima Kritika** 7568/23 + ADD 1
- ii) **Regolament dwar servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir** 14741/22
- iii) **Regolament li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE** 7854/22 + ADD 1
- iv) **Reviżjoni tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (CLP)** 16258/22
- v) **Reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji**
- a) **Direttiva dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni)** 15400/22 + ADD 1
- b) **Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji** 15390/22 + ADD 1
- vi) **Fajls leġislattivi oħra**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) **Komunikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Ispazju Amministrattiv Ewropew**  15313/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- c) **It-tħaddim sħiħ tal-Gateway Diġitali Unika**  16038/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **Tħejjija għall-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali**  16171/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- e) **It-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għall-kumpaniji fi żminijiet mingħajr preċedent**  15612/23  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Daniża.

- f) **Inizjattiva konġunta dwar it-tnaqqis tal-burokrazija**  16236/23  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża u dik Ġermaniża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża u dik Ġermaniża.

- g) **Dħul fis-seħħ tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi**  15774/2/23 REV 2  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka, Belġjana, Bulgara, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Ġermaniża, Latvjana, Litwana, Lussemburgiża, Maltija, Portugiża, Slovena, Taljana u dik Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka, Belġjana, Bulgara, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Latvjana, Litwana, Lussemburgiża, Maltija, Portugiża, Slovena, Taljana u dik Żvediża.

- h) **Rapport 2023 tan-Network ta' Rappreżentanti tal-SMEs** 15791/23  
*lill-Kunsill Kompetittività*  
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

- i) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana*

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**RIĊERKA**

6. **Konklużjonijiet dwar l-impatt tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fit-tfassil tal-politika**  15118/23 + ADD 1  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokumenti msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija hija annessa ma' dawn il-minuti.

7. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa**   15391/23  
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 182(5) u l-Artikolu 292, l-ewwel u t-tieni sentenza, TFUE) (\*) + ADD 1-2  
*Qbil politiku*

Il-Kunsill laħaq ftehim politiku kif imfisser fid-dokumenti msemmija hawn fuq. Dikjarazzjoni mill-Ungerija hija annessa ma' dawn il-minuti.

8. **Il-valorizzazzjoni tar-riċerka bħala għodda għall-irkupru ekonomiku u industrijali u r-reżiljenza**  15116/23  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq il-mistoqsijiet kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

**SPAZJU**

9. **Konklużjonijiet dwar "L-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju: is-sitwazzjoni attwali"**  15231/23  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokumenti msemmija hawn fuq.

10. **Il-politika futura tal-UE dwar l-ispazju f'dinja li qed tinbidel** 15405/23  
*Skambju ta' fehmiet*

## Affarijiet oħra

### Riċerka

11. a) **Proposti leġislattivi attwali**  
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-partekipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa**  11198/23  
11206/23 + ADD 1  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) **Avvenimenti u attivitajiet matul il-Presidenza Spanjola**  15578/1/23 REV 1  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- c) **Monitoraġġ taż-ŻER 2023: Rieżami ta' 18-il xahar tal-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER ("Rapport fil-livell tal-UE")**  15685/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **Progress fir-riformi u l-azzjonijiet tal-valutazzjoni tar-riċerka**  15690/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- e) **Materjali avvanzati għat-tmexxija industrijali**  15691/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- f) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana*

Spazju

- g) **Avvenimenti u attivitajiet matul il-Presidenza Spanjola** 15617/23  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- h) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana*

- 
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- ❸ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- (\*) Punt li jista' jintalab vot dwaru
-

**DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI LEĠIŻLATTIVI "B" MSEMMLJA FID-**

**DOKUMENT 16211/23**

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 2:**

**Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-  
ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija  
b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero  
Netti)**

*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"L-Awstrija tqis l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti bħala stadju importanti essenzjali biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika, tissaħħaħ il-kompetittività u jintlaħaq l-għan komuni Ewropew tan-newtralità klimatika. Aħna nappoġġaw l-oġettiv ta' din il-proposta għal Regolament, li huwa li jaċċellera l-iżvilupp u l-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni, b'mod partikolari għall-enerġija rinnovabbli fl-UE.

Madankollu l-Awstrija la tista' u lanqas ma hi ser tappoġġa trasformazzjoni li hija bbażata fuq teknoloġija nukleari, u li barra minn hekk tippromoviha dejjem aktar u tqisha bħala teknoloġija tal-futur. It-teknoloġija nukleari la hi sostenibbli, la kosteffettiva u lanqas sigura. Għaldaqstant l-Awstrija jiddispaċiha ferm li t-teknoloġija nukleari ġiet inkluża u nġhatat status ekwivalenti fl-abbozz ta' Approċċ ġenerali dwar l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (l-Artikoli 3a u 3b) u tittama li dan jinbidel fin-negozjati mal-Parlament.

Fir-rigward tal-Kapitolu III dwar il-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO<sub>2</sub>, l-Awstrija tinnota li projbizzjoni nazzjonali dwar il-ħżin tas-CO<sub>2</sub> (l-Att Federali dwar il-Projbizzjoni tal-ħżin Ġeoloġiku tad-Diossidu tal-Karbonju) hija attwalment fis-seħħ, u qiegħda tiġi evalwata. F'dan il-kuntest, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/31/KE fl-Awstrija. Fi kwalunkwe każ, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet u l-oġettivi stabbiliti fil-Kapitolu III ma għandhomx jirriżultaw fi żvantaġġ kompetittiv għal impriżi f'dawk l-Istati Membri fejn il-liġi li tipprojbixxi l-ħżin tas-CO<sub>2</sub> hija fis-seħħ. Aħna wkoll favur li l-eliġibbiltà fir-rigward tal-obbligu dwar il-ħżin tas-CO<sub>2</sub> tkun estiża reġjonalment għaż-żona taż-ŻEE."

**DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA**

"L-isfidi li qed jiffaċċa bħalissa s-settur industrijali fl-UE juru kemm huwa importanti għall-Ewropa li taġixxi flimkien biex issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tagħna.

F'dan l-isfond, huwa essenzjali li l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jsir strument effiċjenti u effettiv għaż-żieda fil-produzzjoni tat-teknoloġiji trasformattivi fl-UE qabel tmiem dan it-terminu leġiżlattiv Ewropew. Dan jibgħat is-sinjali t-tajba għall-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika, il-kompetittività mtejba u n-newtralità klimatika tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, il-Ġermanja hija favur il-ħruġ tal-mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi tat-test ta' kompromess attwali, u wriet il-kapaċità u r-rieda tagħha li tikkomprometti f'ħafna livelli.

Lil hinn mill-kwistjonijiet sostantivi li qed jiġu diskussi llum, il-Ġermanja tara wkoll hteġa ulterjuri għal titjib fil-kuntest tan-negozjati li ġejjin mal-Parlament:

- Fid-definizzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti [fl-Artikoli 3a u 3b], il-fattur kruċjali għalina huwa li t-teknoloġiji jkunu utli b'mod dirett għat-tranżizzjoni ekoloġika. Aħna ma nemmnux li t-teknoloġiji nukleari msemija fit-test jagħmlu dan.  
F'dan il-kuntest, il-kjarifiki li jinsabu fl-Artikolu 3b(2) u (3), li r-regoli huma mingħajr preġudizzju għar-regoli eżistenti ta' finanzjament tal-UE u l-kompetenza tal-Istati Membri għall-politika tal-enerġija, huma essenzjali għall-Gvern Federali. Bl-istess mod, il-Ġermanja tilqa' l-fatt li l-formulazzjoni aktar preċiża fl-Artikolu 10(5) iżżomm ukoll il-kompetenza tal-Istati Membri għall-politika tal-enerġija fil-kuntest ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti.
- Fil-fehma tal-Gvern Federali, iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tat-teknoloġiji msemija fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Netta Żero għandha tkun ibbażata wkoll fuq proċess ta' produzzjoni newtrali għall-klima għall-prodotti upstream. Għalhekk, il-Ġermanja qed tappella għall-inklużjoni ta' proċessi industrijali trasformattivi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti [fl-Artikolu 3(1), il-punt (ae)]. Fil-fehma tagħna, l-estensjoni proposta tal-kamp ta' applikazzjoni hija konsistenti wkoll mal-Artikolu 114 TFUE.
- Mill-perspettiva tal-politika industrijali u s-sigurtà ekonomika, b'mod ġenerali, l-applikazzjoni ta' kriterji kwalitattivi tista' tkun fattur ewlieni fil-kisba ta' reżiljenza u sostenibbiltà ekonomika. Madankollu, irridu noqogħdu attenti ħafna biex niżguraw li l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli ma ssirx aktar għalja jew iktar bil-mod, u li ma jiġux introdotti piżijiet burokratiċi.
- Fil-fehma tal-Gvern Federali, il-limitu għad-differenzi fl-ispejjeż [fl-Artikolu 19(6)] li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jikkunsidraw bħala sproporzjonati għadu għoli wisq. Il-Ġermanja titlob li dan jitnaqqas b'mod sinifikanti.  
Fl-Artikolu 20, konna nippreferu bil-kbir approċċ volontarju. Barra minn hekk, il-valuri l-aktar baxxi possibbli għal-limitu għad-differenzi fl-ispejjeż [fl-Artikolu 20(3)] u għall-volumi tal-irkant [fl-Artikolu 20(4)] huma fatturi kritiċi għat-teħid ta' deċiżjonijiet fin-negozjati li għaddejjin. Aħna nopponu kwalunkwe żieda ulterjuri fil-valuri mogħtija fl-approċċ ġenerali.
- Fil-fehma tal-Gvern Federali, hemm ukoll il-hteġa għal bidliet fil-Kapitolu V, It-tisħiħ tal-ħiliet għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità. Ir-reviżjoni astratta tal-programmi ta' taġlim [li tinsab fl-Artikolu 24] m'għandhiex tirriżulta f'aktar burokrazija. Għandu jiġi żgurat li r-rikonossiment ikompli jseħħ abbażi ta' valutazzjoni każ b'każ. Il-Gvern Federali jikkritika wkoll l-iżvilupp tal-profilu professjonali Ewropej [skont l-Artikolu 25(5)], b'referenza għal-limiti stabbiliti fl-Artikoli 166 u 165 TFUE.
- Il-Gvern Federali jkompli jqis il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar [skont l-Artikolu 31] bħala wieħed estensiv wisq, li jwassal għal burokrazija addizzjonali u b'hekk jimmina l-aċċellerazzjoni li għandha tinkiseb bir-Regolament. Il-Gvern Federali għalhekk isostni l-pożizzjoni tiegħu li r-rekwiżiti ta' rapportar ma għandhomx iwasslu għal piż addizzjonali għall-Istati Membri jew għall-komunità tan-negozju.

Fid-dawl tan-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew, aħna fiduċjużi li dawn l-aspetti ser jiġu kkunsidrati bir-reqqa u ser jikkontribwixxu għan-negozjati."

## **DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA**

"L-Italja tilqa' tajjeb il-proposta għal Regolament, li taġixxi fuq xi wħud mil-lievi strateġiċi biex toħloq klima favorevoli għall-investment fis-setturi strateġiċi, bil-għan li tiġi stabbilita bażi industrijali soda għat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti.

L-Italja ser tkun involuta b'mod koerenti u responsabbli fl-istadji li jmiss tan-negozjati mal-Parlament Ewropew (bit-tama ta' adozzjoni rapida tar-Regolament), u għal dak l-għan, nixtiequ nenfasizzaw l-aspetti li nqisu prijoritajiet sabiex naslu għal test finali li jissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti tat-tranżizzjoni ekoloġika u tal-industrija sostenibbli:

### **I. Appoġġ finanzjarju**

It-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali jeħtieġu fondi ddedikati speċifiċi li ma jistgħux ikunu esklużivament nazzjonali. Għaldaqstant, l-Italja tipproponi l-introduzzjoni ta' referenza espliċita għall-Pjattaforma l-għdida tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, sabiex tiċċara li hemm appoġġ finanzjarju Ewropew qawwi f'termini finanzjarji wkoll.

### **II. Kamp ta' applikazzjoni**

L-Italja tappoġġa inklużjoni wiesgħa ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Nixtiequ nenfasizzaw il-punti li ġejjin:

– Jenħtieġ li jkun hemm definizzjoni inklużiva ta' fjuwils sostenibbli.

Għaldaqstant, nipproponu li l-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tikber biex tinkludi l-bijofjuwils, inkluż dawk li jintużaw fis-settur tat-trasport, bħala sors ta' enerġija li jipprovdi ffrankar kbir tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jista' jagħti kontribut sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni.

– L-Italja tipproponi li ssir referenza għall-kategorija ta' "teknoloġiji tal-grilja" minflok għal "teknoloġiji tal-grilja tal-elettriku", sabiex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi teknoloġiji għan-networks tal-gass u t-teknoloġiji relatati.

– Ikun ukoll xieraq li l-attivitajiet ta' integrazzjoni tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jkunu inkorporati fi prodotti kumplessi (pereżempju l-vapuri) li jkunu koperti minn dan ir-Regolament.

– L-Italja tilqa' l-inklużjoni ta' teknoloġiji industrijali trasformattivi u proċessi industrijali trasformattivi, u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament biex jinkludi l-implimentazzjoni u l-installazzjoni tagħhom f'siti eżistenti u ġodda b'emissjonijiet baxxi. Dawn jaqdu rwol importanti fit-tranżizzjoni tal-industrija intensivi fl-enerġija.

– L-Italja tixtieq li jitqiesu wkoll it-teknoloġiji ta' manifattura avvanzata għaċ-ċirkolarità u għall-ipproċessar tal-materjali u, sabiex tinkludi wkoll ix-xenarju industrijali possibbli li jiġi pproċessat l-iskart direttament, tipproponi ż-żieda ta' referenza espliċita fit-test għar-riċiklaġġ kimiku.

### **III. Kapaċità tal-injezzjoni tas-CO<sub>2</sub>**

L-Italja tilqa' l-fokus speċifiku fuq din it-teknoloġija importanti, filwaqt li tirrikonoxxi l-potenzjal tagħha biex tmexxi 'l quddiem id-dekarbonizzazzjoni, u tqis li jkun raġonevoli li tingħata garanzija biex tintlaħaq il-mira permezz ta' obbligu fuq il-produtturi taż-żejt u tal-gass, kif previst fit-test sa issa.

Madankollu, jenħtieġ li tiġi prevista deroga f'rabta maż-żmien li fih għandhom jintlaħqu l-miri tal-kapaċità annwali tal-injezzjoni tas-CO<sub>2</sub> minħabba forza maġġuri.

Barra minn hekk, l-Italja saħqet li l-ilħuq tal-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni tal-UE jenħtieġ li jiġi rikonoxxut b'mod konsistenti minn dispożizzjonijiet xierqa dwar il-proġetti ta' ħżin tas-CCS li ġew żviluppati fil-kuntest ta' impriża konġunta li tinvolvi l-liċenzjatarji u dawk li mhumiex liċenzjatarji. Sabiex jissodisfaw il-kontribut individwali tagħhom ta' 50Mt ta' kapaċità tal-injezzjoni tas-CO2 fl-UE kollha, jenħtieġ li jiġi previst li l-kumpaniji soġġetti għall-kontribut ikunu jistgħu jgħoddu l-kapaċità tal-injezzjoni li tikkorrispondi għall-ishma ta' proġett miżmuma minn entità oħra li tkun involuta fi proġett ta' ħżin (u mhux soġġetta għall-kontribut individwali).

Fl-aħħar nett, ir-Regolament jirreferi għas-siti ta' produzzjoni li ġew "dekummissjonati jew li qed jiġu dekummissjonati", iżda jkun aktar xieraq li nitkellmu dwar "eżawriment jew li qed jiġu eżawriti". Fil-fatt, id-"dekummissjonar" ta' siti tinvolvi t-tneħħija ta' faċilitajiet eżistenti, filwaqt li fil-każ tal-konverżjoni ta' siti għal-ħżin ta' CO2, huwa possibbli li dawn jiġu adattati u għaldaqstant jintużaw ċerti faċilitajiet.

#### **IV. Aċċess għas-swieq**

Fir-rigward tal-kapitolu dwar l-aċċess għas-swieq, l-Italja tappoġġa l-oġġettiv ġenerali li r-riżorsi pubbliċi jiġu indirizzati lejn xirjiet ta' "Made in Europe", u li dan jiġi promoss permezz ta' dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri ta' akkwist u rkant għall-enerġija rinnovabbli, li, apparti l-kriterji tal-prezz, jipprevedu mekkaniżmi ta' kumpens permezz tal-introduzzjoni tal-kriterji ta' reżiljenza u ta' sostenibbiltà.

Madankollu, l-Italja tqis li l-kapitolu kif inhu fformulat huwa kumpless u diffiċli biex jiġi applikat.

B'mod partikolari, fir-rigward ta' rkant għall-enerġija rinnovabbli, nipproponu li għall-klawsola ta' salvagwardja, li tippermetti lill-Istat Membri jikkunsidraw offerta li ma tkunx proporzjonata, il-livell limitu jimxi fid-direzzjoni opposta, b'valuri aktar baxxi fil-bidu, li jkunu jistgħu jogħlew sussegwentement.

Bħala l-ewwel pass, sakemm jintlaħaq qbil dwar l-istabbiliment u t-tisħiħ ta' industrija Ewropea, jenħtieġ li l-valur ikun baxx (pereżempju jista' jiġi stabbilit għal 5 %) sabiex nipprevjenu żidiet eċċessivi fil-prezzijiet tal-enerġija rinnovabbli, u mbagħad huwa biss meta l-industrija Ewropea tkun tista' tiżviluppa, li l-valur ikun jista' jiġi iċċentivat minn valur ogħla (pereżempju 15 %).

#### **DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BULGARIJA, FRANZA, IL-KROAZJA, IL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-RUMANIJA, IS-SLOVAKKJA, IS-SLOVENJA U L-UNGERIJA**

"Il-Bulgarija, Franza, il-Kroazja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija jfakkru fl-importanza tal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u d-dritt sovrani tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-taħlita tal-enerġija tagħhom. F'dan ir-rigward, huma jenfasizzaw il-ħtieġa li dawn il-prinċipji u d-drittijiet jiġu rispettati kif xieraq u jitqiesu bis-sħiħ fil-politiki Ewropej. Filwaqt li jtennu li t-teknoloġiji nukleari huma parti integrali mill-istrateġija Ewropea għat-tranżizzjoni tal-enerġija, jilqgħu l-fatt li l-Artikolu 3b jinkludi t-teknoloġija tal-fissjoni nukleari, inkluż iċ-ċiklu tal-fjuwil, bħala komplement għat-teknoloġiji l-oħra ħielsa mill-fjuwils fossili meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u s-sigurtà tal-enerġija.

Filwaqt li jinnotaw li l-lista ta' teknoloġiji strateġiċi fl-Artikolu 3b(1) ma tippreġudikax l-allokazzjoni tal-finanzjament tal-UE, jindikaw li fl-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-regoli u l-proċeduri relatati mal-finanzjament ikomplu japplikaw. Għalhekk, dawn it-teknoloġiji kollha jistgħu u ser ikomplu jiġu kkunsidrati għall-aċċess għall-finanzjament tal-UE, inkluż għal appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investiment."

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 6:**

**Konklużjonijiet dwar l-impatt tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fit-tfassil tal-politika**  
*Approvazzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025" imsemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 7:**

**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa**  
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 182(5) u l-Artikolu 292, l-ewwel u t-tieni sentenza, TFUE)  
*Qbil politiku*

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025" imsemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."